VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,493, 6 ta' Novembru, 2015
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXI tal-2015

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jintroduċi emendi fl-Att dwar il-Kumpanniji u biex jimplimenta d-Direttiva 2013/34/UE.

ACT No. XXXI of 2015

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to introduce amendments to the Companies Act and to implement Directive 2013/34/EU.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
President

6 ta' Novembru, 2015

ATT Nru XXXI tal-2015

ATT sabiex jintroduċi emendi fl-Att dwar il-Kumpanniji u biex jimplimenta d-Direttiva 2013/34/UE.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2015 li jemenda l-Att dwar il-Kumpanniji, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kumpanniji, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 386.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ u għandhom japplikaw għal perijodi ta' kontabilità li jibdew fi jew wara l-1 ta' Jannar 2016, ħlief id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 6 u 20 li għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016.

Emenda tal-Arranġament tal-Att prinċipali.

2. It-tabella "Arranġament tal-Att" li tinsab minnufih qabel l-artikolu 1 tal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) it-titolu tat-Tielet Skeda għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Dispożizzjonijiet Addizzjonali applikabbli għall-Kontijiet Finanzjarji Annwali ta' Impriżi Kbar, Impriżi ta' Daqs Medju u Ċertu Impriżi Oħra, fejn applikabbli u Dispożizzjonijiet Addizzjonali Applikabbli għall-Kontijiet Ikkonsolidati"; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) it-titolu tar-Raba' Skeda għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Rapport dwar Pagamenti lil gvernijiet".".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara t-tifsira "direttur" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "entitajiet ta' interess pubbliku" tfisser impriżi jew entitajiet kif imfissra fl-artikolu 2(1) tal-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*;"; Kap. 281.

(ii) minnufih wara t-tifsira "impriża" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "impriża assoċjata" tfisser impriża li fiha impriża oħra jkollha interess ta' parteċipazzjoni, u li l-impriża l-oħra teżerċita influwenza sinifikanti fuq il-politika operattiva u finanzjarja tagħha. Impriża titqies li teżerċita influwenza sinifikanti fuq impriża oħra meta jkollha 20% jew aktar tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-impriża l-oħra;";

(iii) minflok it-tifsira "interess parteċipanti" għandu jidħol dan li ġej:

" "interess ta' parteċipazzjoni" tfisser id-drittijiet fil-kapital ta' impriżi oħra, rappreżentati jew le permezz ta' ċertifikati, li, bil-ħolqien ta' rabta durabbli ma' dawk l-impriżi, ikunu maħsuba sabiex jikkontribwixxu għall-attivitajiet tal-impriża li jkollha dawk id-drittijiet. Is-sehem f'parti mill-kapital ta' impriża oħra hu kkunsidrat li jikkostitwixxi interess ta' parteċipazzjoni, meta dan jaqbeż limitu ta' għoxrin punt perċentwali tal-kapital imsemmi. Interess f'azzjonijiet jinkludi interess li jista' jinqaleb għal interess f'azzjonijiet u għażla li jkun akkwistat interess f'azzjonijiet. Interessi f'azzjonijiet miżmuma minn impriżi sussidjarji jew minn terzi persuni f'isem il-kumpannija jew l-impriżi sussidjarji tagħha jitqiesu li huma miżmuma mill-kumpannija;";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iv) it-tifsira "kumpannija *holding* finanzjarja" għandha titħassar;

(v) fit-tifsira "kumpannija minn grupp", minnufih wara l-kliem "għandha tiftiehem skont hekk" għandu jiżdied "kif ukoll li tfisser impriża *parent* u l-impriżi sussidjarji kollha tagħha";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "li tagħha tkun membru" għandhom jitħassru;

(ii) fis-subparagrafu (v) tal-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kliem "f'impriża oħra u" għandhom jiżdiedu l-kliem "għandha s-setgħa li teżerċita, jew";

(iii) fl-aħħar tal-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kliem "u "impriża *parent*" għandha tinftiehem f'dan is-sens" għandhom jiżdiedu l-kliem "u għandha tinkludi impriża li tikkontrolla impriża sussidjarja waħda jew iktar"; u

(iv) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) L-espressjoni "impriża sussidjarja" għandha tinftiehem skont il-paragrafu (a) u għandha tinkludi impriża li tkun ikkontrollata minn impriża *parent*, inkluż kwalunkwe impriża sussidjarja ta' impriża prinċipali aħħarija.".

Emenda tal-artikolu 3A tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 3A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi (a) u (ċ) tiegħu għandhom jitħassru;

(b) il-paragrafi (b), (d), (e), (f), (g), (h), (i), (j), (k), (l), (m), (n) u (o) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (a), (b), (ċ), (d), (e), (f), (g), (h), (i), (j), (k), (l) u (m) rispettivament;

(ċ) il-paragrafi (p) u (q) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (o) and (p) rispettivament; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) minnufih wara l-paragrafu (m) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(n) id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE iktar 'il quddiem f'dan l-Att imsejħa "id-Direttiva dwar il-Kontabbiltà;".

Emenda tal-artikolu 167 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 167 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "kull dikjarazzjonijiet finanzjarji" għandhom jiżdiedu l-kliem "u informazzjoni oħra"; u minnufih wara l-kliem "Dawn id-dokumenti flimkien għandhom jiffurmaw dokument sħiħ." għandhom jiżdiedu l-kliem "L-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni, il-forma legali u l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat tal-kumpannija u fejn xieraq, il-fatt li l-kumpannija qed tiġi stralċjata għandu jiġi indikat f'dawn il-kontijiet;";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "għandhom isiru" għandhom jiżdiedu l-kliem "b'mod ċar"; u minflok il-kliem "kontijiet ġeneralment aċċettati:" għandhom jidħlu l-kliem "kontijiet ġeneralment aċċettati u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att inklużi, fejn applikabbli, ir-rekwiżiti tat-Tielet Skeda.";

(ċ) il-proviso għas-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar; u

(d) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Il-kontijiet individwali għandhom jagħtu dehra vera u ġusta tal-assi, il-passivi, il-pożizzjoni finanzjarja u tal-kont tal-qligħ u t-telf tal-impriża. Meta l-applikazzjoni ta' dan l-Att ma tkunx suffiċjenti sabiex tagħti dehra vera u ġusta, tal-assi, il-passivi, il-pożizzjoni finanzjarja u tal-kont tal-qligħ u t-telf tal-impriża, għandha tingħata tali informazzjoni addizzjonali skont kif inhu

VERŻJONI ELETTRONIKA

neċessarju għall-konformità ma' dak ir-rekwiżit fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.".

6. L-artikolu 168 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 168 tal-Att prinċipali.

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: "Kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' impriżi.";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Iskedi promulgati taħtu għandhom japplikaw biss sakemm mhumiex inkonsistenti ma', jew jikkontradixxu d-dispożizzjonijiet dwar ir-rapportar finanzjarju ta' ċertu tipi ta' impriżi jew dispożizzjonijiet rigward id-distribuzzjoni tal-kapital ta' impriża li huma stabbiliti f'atti leġislattivi oħra li huma fis-seħħ f'Malta.";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-rijassigurazzjoni għandhom iħarsu r-Regoli dwar l-Assigurazzjoni magħmulin taħt l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni dwar il-kontijiet annwali tagħhom."; u

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem "u ta' kumpanniji *holding* finanzjarji" għandhom jitħassru, u minflok il-kliem "u r-Raba' Skeda" għandha tidħol il-kelma "Skeda".

7. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 170 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "mħejjija mill-kumpannija *parent*.", għandhom jidħu l-kliem "mħejjija mill-kumpannija *parent*; jew" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 170 tal-Att prinċipali.

"(ċ) f'każijiet rari ħafna, meta l-informazzjoni neċessarja għall-preparazzjoni ta' kontijiet ikkonsolidati b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma tkunx tista' tinkiseb mingħajr spiża sproporzjonata jew dewmien mhux dovut.".

8. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 171 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Emenda tal-artikolu 171 tal-Att prinċipali.

"(2) Mingħajr preġudizzju għall-artikoli 170, 173 u 174 u

VERŻJONI ELETTRONIKA

għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2(2) u tad-Disa' Skeda safejn huma rilevanti għall-artikoli 170, 173 u 174, il-kontijiet ikkonsolidati għandhom isiru b'konformità ma' prinċipji u prattiċi ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att inklużi, fejn applikabbli, ir-rekwiżiti tat-Tielet Skeda:

Iżda d-divulgazzjoni fl-inċiż (ii) tas-subparagrafu (1) tal-paragrafu 3 tat-Taqsima I tat-Tielet Skeda għandha tapplika għall-kontijiet ikkonsolidati, bħallikieku l-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni kienu kumpannija unika u d-divulgazzjonijiet fl-inċiżi (iv) u (vi) tas-subparagrafu (1) tal-paragrafu 2 tat-Taqsima II tat-Tielet Skeda għandhom japplikaw għall-kontijiet ikkonsolidati.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 172 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 172 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Responsabbiltà u obbligu sabiex isiru u jiġu ppubblikati d-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-rapport tad-diretturi.

172. Id-diretturi ta' kumpannija, li jaġixxu fil-kompetenzi assenjati lilhom bil-liġi, għandhom responsabbiltà kollettiva biex jiżguraw li:

(a) id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, ir-rapport tad-diretturi u, meta pprovduta separatament, id-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva; u

(b) id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati, ir-rapporti tad-diretturi kkonsolidati u meta pprovduti separatament, id-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva kkonsolidata,

isiru u jiġu ppubblikati f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 173 tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 173 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "stabbiliti fl-artikolu 185(6)" għandhom jidħlu l-kliem "stabbiliti fl-artikolu 185(5)";

(b) fil-proviso għas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fil-lista uffiċjali" għandhom jidħlu l-kliem "għall-kummerċ" u minflok il-kliem "f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE." għandhom jidħlu l-kliem "f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Iżda wkoll ebda waħda mill-kumpanniji minn grupp ma tkun entità ta' interess pubbliku."; u

(ċ) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar, u s-subartikolu (1) tiegħu għandu jsir l-artikolu 173 sħiħ.

Emenda tal-artikolu 174 tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 174 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "l-isem" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-uffiċċju rreġistrat";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "li xi whud mis-sigurtajiet tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "li xi whud mis-sigurtajiet trasferibbli tagħha"; u minflok il-kliem "fil-lista uffiċjali" għandhom jidħlu l-kliem "fin-negozjar"; u

(ċ) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda tal-artikolu 177 tal-Att prinċipali.

12. L-artikolu 177 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "u tal-qagħda tagħhom fi tmiem dak iż-żmien." għandu jidħol dan li ġej:

"u tal-qagħda tagħhom fi tmiem dak iż-żmien flimkien ma' deskrizzjoni tar-riskji u l-inċertezzi prinċipali li qed jaffaċċjaw.

L-analiżi għandha tkun waħda bilanċjata u komprensiva tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-impriża u tal-pożizzjoni tagħha, konsistenti mad-daqs u l-kumplessità tan-negozju.

Safejn ikun neċessarju għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-impriża, l-analiżi għandha tinkludi indikaturi kemm finanzjarji kif ukoll, fejn xieraq, indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin mhux finanzjarji rilevanti għan-negozju partikolari, inkluża informazzjoni relatata ma' kwistjonijiet ambjentali u tal-impjegati. Meta jipprovdi l-analiżi, ir-rapport tad-diretturi għandu, fejn xieraq, jinkludi referenzi għal, u spjegazzjonijiet addizzjonali tal-ammonti rrappurtati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji

VERŻJONI ELETTRONIKA

annwali."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(5) Ir-rapport ikkonsolidat tad-diretturi għandu, bħala minimu, minbarra kwalunkwe informazzjoni oħra rikjesta skont dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att, jipprovdi l-informazzjoni rikjesta minn dan l-artikolu u s-Sitt Skeda, b'kunsiderazzjoni tal-aġġustamenti essenzjali li jirriżultaw mill-karatteristiċi partikolari tar-rapport ikkonsolidat tad-diretturi b'mod li jiffaċilita l-valutazzjoni tal-pożizzjoni tal-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni kkunsidrata b'mod totali.

(6) Meta r-rapport ikkonsolidat tad-diretturi huwa meħtieġ minbarra r-rapport tad-diretturi, iż-żewġ rapporti jistgħu jiġu ppreżentati bħala rapport uniku.".

Emenda tal-artikolu 179 tal-Att prinċipali.

13. L-artikolu 179 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "għandhom jiddikjaraw dan il-fatt fir-rapport tagħhom." għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"L-awdituri għandhom ukoll:

(a) jesprimu opinjoni dwar jekk ir-rapport tad-diretturi ġiex ippreparat bl-applikazzjoni tar-rekwiżiti legali;

(b) fid-dawl tat-tagħrif u l-fehim tal-impriża u l-ambjent tagħha miksuba matul l-eżerċizzju tal-awditjar, jiddikjaraw jekk identifikawx dikjarazzjonijiet ħżiena fir-rapport tad-diretturi, u għandhom jagħtu indikazzjoni tan-natura ta' kull waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet ħżiena.";

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Ir-rapport tal-awdituri għandu jiġi ffirmat u ddatat mill-awditur. Meta ditta tal-awditjar tagħmel eżerċizzju tal-awditjar statutorju, ir-rapport tal-awditjar għandu jiġi ffirmat minn tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

inqas l-awditur(i) li għamel (għamlu) l-eżerċizzju tal-awditjar statutorju f'isem id-ditta tal-awditjar.";

(ċ) is-subartikolu (12) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(d) is-subartikolu (13) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (12) u minnufih wara s-subartikolu (12) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(13) Ir-rapport tal-awditjar dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-artikolu. Fir-rapportar dwar il-konsistenza tar-rapport tad-diretturi u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji, l-awditur jew id-ditta tal-awditjar għandhom jikkunsidraw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapport ikkonsolidat tad-diretturi. Meta d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tal-impriża ewlenija jkunu mehmuża mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati, ir-rapporti tal-awditjar rikjesti minn dan l-artikolu jistgħu jiġu kkombinati.".

Emenda tal-artikolu 182 tal-Att prinċipali.

14. L-artikolu 182 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar;

(b) is-subartikoli (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3) u (4) rispettivament; u

(ċ) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "is-subartikoli minn (2) sa (4)" għandhom jidħlu l-kliem "is-subartikoli (2) u (3)".

Emenda tal-artikolu 183 tal-Att prinċipali.

15. L-artikolu 183 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Kumpannija li tikkwalifika bħala kumpannija żgħira skont it-termini tal-artikolu 185(1) m'hemmx għalfejn tippreżenta lir-Reġistratur ir-rapport tad-diretturi:

Iżda meta l-kumpannija li tikkwalifika bħala

VERŻJONI ELETTRONIKA

kumpannija żgħira hija kumpannija privata li għandha l-istatus ta' kumpannija eżentata, ma għandhiex għalfejn tippreżenta r-rapport tad-diretturi u l-kont tal-qligħ u t-telf lir-Reġistratur:

Iżda wkoll meta l-kumpannija eżentata tikkwalifika wkoll skont it-termini tal-artikolu 185(2), lanqas ma għandha għalfejn ukoll tippreżenta r-rapport tal-awdituri lir-Reġistratur.";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Meta d-diretturi ta' kumpannija jieħdu vantaġġ minn kwalunkwe eżenzjoni konferita mis-subartikolu (2), għandha tiġi ppreżentata lir-Reġistratur dikjarazzjoni fuq il-formola preskritta, iffirmata mill-istess diretturi li ffirmaw il-karta tal-bilanċ, flimkien mal-kontijiet annwali li jikkonfermaw li l-kumpannija tikkwalifika għall-eżenzjoni jew eżenzjonijiet.";

(ċ) is-subartikoli (4) sa (7) tiegħu għandhom jiġu mħassra; u

(d) is-subartikoli (8), (9) u (10) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (4), (5) u (6) rispettivament.

Emenda tal-artikolu 185 tal-Att prinċipali.

16. L-artikolu 185 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: "Eżenzjonijiet għal ċerti kumpanniji zgħar.";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Kumpanniji li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbżux il-limitu ta' tnejn minn tlieta tal-kriterji li ġejjin:

- total tal-karta tal-bilanċ: erba' miljun euro (4,000,000);

- fatturat: tmien miljun euro (8,000,000);

- numru medju ta' impjegati matul il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

perijodu ta' kontabbiltà: ħamsin (50);

għandhom f'dan il-Kapitolu jiġu denominati bħala "kumpanniji żgħar" u għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżit impost mill-artikolu 177. Meta jittieħed vantaġġ minn din l-eżenzjoni, l-informazzjoni rikjesta fil-paragrafu 3 tas-Sitt Skeda rigward l-akkwist minn kumpannija tal-ishma proprji tagħha, għandha tingħata fin-noti għall-kontijiet.";

(ċ) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Kumpanniji privati li fid-dati fuq il-karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbżux il-limitu ta' tnejn minn tlieta tal-kriterji li ġejjin:

- total tal-karta tal-bilanċ: sitta u erbgħin elf u sitt mitt euro (46,600);

- fatturat: tlieta u disgħin elf euro (93,000);

- numru medju ta' impjegati matul il-perijodu tal-kontabbiltà: tnejn (2);

għandhom jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IX tat-Titolu I tat-Taqsima V u mir-rekwiżiti imposti bl-artikolu 179 u t-Tielet Skeda.";

(d) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar;

(e) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3);

(f) fis-subartikolu (3) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "indikat fis-subartikolu (1)" għandhom jidħlu l-kliem "indikat fis-subartikoli (1) u (2); u minflok il-kliem "dak is-subartikolu" għandhom jidħlu l-kliem "dawk is-subartikoli";

(g) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) It-total tal-karta tal-bilanċ imsemmi f'dan l-artikolu għandu jiġi kkalkolat billi jittieħed l-ammont tal-assi totali li jidher fil-karta tal-bilanċ li tkun saret b'konformità ma' prinċipji u prattiċi ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati.";

(h) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan

VERŻJONI ELETTRONIKA

li ġej:

"(5) Kumpannija *parent* ma għandhiex tiġi trattata bħala li tikkwalifika bħala kumpannija żgħira b'relazzjoni għall-perijodu ta' kontabbiltà sakemm il-grupp li fih hija kumpannija *parent* jikkwalifika bħala grupp żgħir. Grupp jikkwalifika bħala grupp żgħir fir-rigward tal-perijodu ta' kontabbiltà jekk jikkonsisti f'impriżi ewlenija u sussidjarji li għandhom jiġu inklużi f'konsolidazzjoni u li abbażi ta' konsolidazzjoni ma jaqbżux il-limiti ta' tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin fid-data tal-karta tal-bilanċ tal-impriża ewlenija:

- total aggregat tal-karta tal-bilanċ: erba' miljun euro (4,000,000) nett jew erba' miljuni u tmien mitt elf euro (4,800,000) gross;

- fatturat aggregat: tmien miljun euro (8,000,000) nett jew disa' miljuni u sitt mitt elf euro (9,600,000) gross:

- numru aggregat ta' impjegati: ħamsin (50):

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx japplikaw għal kumpannija *parent* li hija eżentata mir-rekwiżit li jiġu ppreparati kontijiet ikkonsolidati b'konformità mal-artikolu 174.";

(i) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) għandhom japplikaw għal kumpanniji *parent* daqslikieku r-referenza għall-kumpannija hija referenza għal kumpannija *parent*.";

(j) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jitħassar;

(k) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (7), u minflok il-kliem "skont is-subartikoli (1) u (6)" għandhom jidħlu l-kliem "skont is-subartikoli (1), (2) u (5)";

(l) is-subartikolu (9) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-

VERŻJONI ELETTRONIKA

ġdid bħala s-subartikolu (8);

(m) minnufih wara s-subartikolu (8) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) Meta jiġu kkalkolati l-limiti massimi msemmija f'dan l-artikolu, l-impriżi għandhom jinkludu introjtu minn sorsi oħra li għalihom "il-fatturat nett" mhux rilevanti.";

(n) is-subartikoli (10) u (11) tiegħu għandhom jitħassru; u

(o) is-subartikolu (12) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (10).

Emenda tal-artikolu 193 tal-Att prinċipali.

17. L-artikolu 193 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, il-kelma "pubbliċi" għandha titħassar;

(b) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "jew organizzazzjoni mill-ġdid ta' kapital; u" għandhom jidħlu l-kliem "jew organizzazzjoni mill-ġdid ta' kapital;";

(ċ) il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (f); u

(d) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(d) id-differenza li permezz tagħha l-profitt attribwibbli lill-interess ta' parteċipazzjoni u rikonoxxut fil-kont tal-qligħ u t-telf jaqbeż l-ammont ta' dividendi diġà riċevuti jew li l-ħlas tagħhom jista' jintalab;

(e) l-ammont tal-ispejjeż tal-iżvilupp inkluż taħt 'Assi' li ma ġewx ikkanċellati għalkollox; u".

Emenda tal-artikolu 196 tal-Att prinċipali.

18. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 196 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma għandhomx japplikaw għall-ebda parti ta' dak l-ammont li jirrappreżenta profitt mhux realizzat li jkun sar fuq it-

VERŻJONI ELETTRONIKA

rivalutazzjoni ta' dawk l-ispejjeż.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

19. Minnifih wara l-artikolu 213 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Impriżi rikjesti li jirrapportaw dwar pagamenti lill-gvernijiet.

213A. (1)Impriżi kbar, kif imfissra fit-Tielet Skeda, u entitajiet ta' interess pubbliku li jkunu attivi fl-industrija estrattiva jew fil-ħsad tal-foresti primarji għandhom jippreparaw u jippubblikaw rapport dwar il-pagamenti li jkunu saru lill-gvernijiet fuq bażi annwali.

(2) Dak l-obbligu ma għandux japplika għal kwalunkwe impriża rregolata mil-liġi ta' Stat Membru li tkun sussidjarja jew impriża ewlenija, fejn iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-impriża ewlenija tkun soġġetta għal-liġijiet ta' Stat Membru; u

(b) il-pagamenti lil gvernijiet li jsiru mill-impriża huma inklużi fir-rapport ikkonsolidat dwar il-pagamenti lill-gvernijiet imħejji minn dik l-impriża ewlenija skont il-paragrafu 3 tar-Raba' Skeda.

(3) L-impriżi kollha li jikkwalifikaw sabiex jagħmlu r-rapport imsemmi fis-subartikolu (1) għandhom josservaw ir-rekwiżiti previsti fir-Raba' Skeda.".

Emenda tal-artikolu 329B tal-Att prinċipali.

20. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 329B tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) il-paragrafi (e) u (f) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (d) u (e) rispettivament.

Emenda tal-artikolu 387 tal-Att prinċipali.

21. L-artikolu 387 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tnejn u erbgħin ġurnata mit-tmiem tal-perijodu li għalih issir referenza fl-artikolu 182(2) u (3)" għandhom jidħlu l-kliem "fi żmien tnax-il xahar mit-tmiem ta' kull perijodu ta' kontabbiltà";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tat-Tielet Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "tal-prinċipji u prattika tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tat-Tielet Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "tal-prinċipji u prattika tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati"; u

(d) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tat-Tielet Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "tal-prinċipji u prattika tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati".

Emenda tal-artikolu 425 tal-Att prinċipali.

22. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 425 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi (n) u (o) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (o) u (p) rispettivament; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (m) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(n) jesiġi li impriżi minbarra l-impriżi ż-żgħar jiddivulgaw informazzjoni fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħhom li hija addizzjonali għal dik rikjesta skont dan l-Att;".

Sostituzzjoni tat-Tielet Skeda li tinsab mal-Att-prinċipali.

23. It-Tielet Skeda li tinsab mal-Att-prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"IT-TIELET SKEDA
(Artikoli 167 u 171)

TAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI ADDIZZJONALI GĦALL-KONTIJIET FINANZJARJI ANNWALI TA' IMPRIŻI KBAR, IMPRIŻI TA' DAQS MEDJU U ĊERTU IMPRIŻI OĦRA, FEJN APPLIKABBLI

1. Għall-finijiet tal-Kapitolu X tat-Titolu I tat-Taqsima V u din l-Iskeda, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

"gruppi kbar" tfisser gruppi li jikkonsistu f'impriżi prinċipali u sussidjarji li huma inklużi f'konsolidament u li, fuq bażi kkonsolidata, jaqbżu l-limiti ta' lanqas ta' tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin fid-data tal-karta tal-bilanċ tal-impriża prinċipali:

(i) total tal-karta tal-bilanċ: EUR 20 000 000 komputat nett, jew €24,000,000 komputat gross;

(ii) fatturat nett: EUR 40 000 000 komputat nett, jew €48,000,000 komputat gross;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iii) numru medju ta’ impjegati matul is-sena finanzjarja: 250;

"impriżi kbar" tfisser impriżi li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom jaqbżu ta’ lanqas tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin:

(i) total tal-karta tal-bilanċ: EUR 20 000 000;

(ii) fatturat nett: EUR 40 000 000;

(iii) numru medju ta’ impjegati matul is-sena finanzjarja: 250;

"gruppi medji" tfisser gruppi li mhumiex gruppi żgħar, li jikkonsistu f’impriżi prinċipali u sussidjarji li huma inklużi f’konsolidament u li, fuq bażi kkonsolidata, ma jaqbżux il-limiti ta’ lanqas ta’ tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin fid-data tal-karta tal-bilanċ tal-impriża prinċipali:

(i) total tal-karta tal-bilanċ: EUR 20 000 000 komputat nett, jew €24,000,000 komputat gross;

(ii) fatturat nett: EUR 40 000 000 komputat nett, jew €48,000,000 komputat gross;

(iii) numru medju ta’ impjegati matul is-sena finanzjarja: 250;

"impriżi medji" tfisser impriżi li mhumiex kumpanniji żgħar, kif imfisser fl-artikolu 185(1), u li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbżux il-limiti ta’ lanqas ta’ tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin:

(i) total tal-karta tal-bilanċ: EUR 20 000 000;

(ii) fatturat nett: EUR 40 000 000;

(iii) numru medju ta’ impjegati matul is-sena finanzjarja: 250.

Kwistjonijiet applikabbli għal impriżi ta’ daqs medju u kbar

2. (1) L-assi intanġibbli għandhom jiġu kkanċellati matul il-perijodu tal-utilità ekonomika tal-assi intanġibbli.

F’każijiet eċċezzjonali fejn il-perijodu tal-avvjament u l-ispejjeż tal-iżvilupp ma jistgħux jiġu stmati b’mod affidabbli, tali assi għandhom jiġu ammortizzati f’perijodu massimu ta’ 10 snin. Spjegazzjoni tal-perijodu li matulu jkun ikkanċellat l-avvjament tiġi

VERŻJONI ELETTRONIKA

pprovduta fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

(2) Meta assi jew passiv jirrigwarda aktar minn entrata waħda fil-format, ir-relazzjoni tiegħu mal-entrati l-oħra għandha tiġi żvelata jew taħt l-entrata fejn tidher jew fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, jekk tali divulgazzjoni hija essenzjali sabiex jinftiehmu l-kontijiet individwali.

Żvelar addizzjonali għal impriżi ta' daqs medju u kbar u entitajiet ta' interess pubbliku

3. Fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, entitajiet ta' interess pubbliku, impriżi kbar u ta' daqs medju għandhom, minbarra l-informazzjoni rikjesta skont dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att, u prinċipji u prattika ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati, jiżvelaw informazzjoni fir-rigward ta':

(i) l-ammont u n-natura ta' elementi individwali ta' introjtu jew infiq li huma ta' daqs jew inċidenza eċċezzjonali;

(ii) in-numru medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja, skont il-kategorija u, jekk ma jiġux żvelati separatament fil-kont tal-qligħ u t-telf, l-ispejjez għall-persunal relatati għall-perijodu ta' kontabbiltà imqassma bejn pagi u salarji, spejjeż tas-sigurtà soċjali u spejjeż tal-pensjonijiet.

4. Fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, impriżi ta' daqs medju u kbar u entitajiet ta' interess pubbliku għandhom, minbarra l-informazzjoni rikjesta skont din l-Iskeda u kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, jiżvelaw informazzjoni fir-rigward tal-oqsma li ġejjin:

(a) l-eżistenza ta' kwalunkwe ċertifikat ta' parteċipazzjoni, obbligazzjoni konvertibbli, *warrants*, opzjonijiet jew titoli jew drittijiet simili, b'indikazzjoni tan-numru u d-drittijiet li jagħtu;

(b) l-isem u l-uffiċċju reġistrat ta' kull impriża li fiha l-impriża, jew hija stess jew permezz ta' persuna li taġixxi f'isimha stess iżda għan-nom tal-impriża, għandha interess ta' parteċipazzjoni, b'indikazzjoni tal-proporzjon tal-kapital miżmum, l-ammont tal-kapital u tar-riżervi, u l-qligħ jew it-telf għall-aħħar sena finanzjarja tal-impriża konċernata li għaliha jkunu ġew adottati d-dikjarazzjonijiet finanzjarji; l-informazzjoni dwar il-kapital u r-riżervi u l-qligħ jew it-telf tista' titħalla barra meta l-impriża konċernata ma tippubblikax il-karta tal-bilanċ tagħha u ma tkunx ikkontrollata mill-impriża;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) l-isem, l-uffiċċju prinċipali jew reġistrat u l-forma ġuridika ta' kull waħda mill-impriżi li tagħhom l-impriża tkun membru b'responsabilità illimitata;

(d) l-isem u l-uffiċċju reġistrat tal-impriża li tħejji d-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-akbar korp ta' impriżi li l-impriża tagħmel parti minnu bħala impriża sussidjarja;

(e) l-isem u l-uffiċċju reġistrat tal-impriża li tħejji d-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-iżgħar korp ta' impriżi li l-impriża tagħmel parti minnu bħala impriża sussidjarja u li tkun inkluża wkoll fil-korp ta' impriżi li saret riferenza għalih fis-suparagrafu (d);

(f) il-post fejn jistgħu jinkisbu kopji tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati li għalihom saret riferenza fis-subparagrafi (ċ) u (d), bil-kondizzjoni li dawn ikunu disponibbli;

(g) in-natura u l-iskop tan-negozju tal-arranġamenti tal-impriża li ma jkunux inklużi fil-karta tal-bilanċ, u l-impatt finanzjarju fuq l-impriża ta' dawk l-arranġamenti, sakemm ir-riskji jew benefiċċji li jirriżultaw minn tali arranġamenti jkunu materjali u sa fejn id-divulgar ta' tali riskji jew benefiċċji jkun meħtieġ sabiex tiġi evalwata l-pożizzjoni finanzjarja tal-impriża.

Divulgazzjonijiet addizzjonali applikabbli għal impriżi kbar u entitajiet ta' interess pubbliku

5. Fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, impriżi kbar u entitajiet ta' interess pubbliku għandhom, minbarra l-informazzjoni rikjesta skont din l-Iskeda u kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, jiddivulgaw informazzjoni fir-rigward tat-tariffi totali għas-sena finanzjarja addebitati minn kull awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għall-eżerċizzju tal-awditjar tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, u t-tariffi totali addebitati minn kull awditur statutorju jew ditta tal-awditjar għal servizzi oħra tal-assigurazzjoni, għal servizzi ta' konsulenza fiskali u għal servizzi oħra mhux tal-awditjar:

B'dan iżda li dak ir-rekwiżit ma għandux japplika għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali ta' impriża meta dik l-impriża hija inkluża fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati meħtieġa li jsiru skont l-artikolu 170, sakemm, madankollu, tali informazzjoni tingħata fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati.

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA II

DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI APPLIKABBLI GĦALL-KONTIJIET IKKONSOLIDATI

Il-preparazzjoni ta' dikarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati

1. Impriża li tħejji dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati għandha tapplika l-istess bażijiet ta' kalkolu li huma applikati fir-rapporti finanzjarji annwali tagħha. Madankollu, jistgħu jintużaw bażijiet oħra ta' kalkolu skont prinċipji u prattiċi ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati. Meta impriża tuża tali miżuri oħra ta' kalkolu, dak il-fatt għandu jiġi żvelat fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati flimkien mar-raġunijiet mogħtija.

In-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati

2. In-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati ta' gruppi kbar u gruppi ta' daqs medju jistabbilixxu l-informazzjoni rikjesta mit-Taqsima I ta' din it-Tielet Skeda, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa skont dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att b'mod li jiffaċilita l-valutazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-impriżi inklużi fil-konsolidament meħudin flimkien, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni lill-aġġustamenti essenzjali bħala riżultat tal-karatteristiċi partikolari tar-rapporti finanzjarji kkonsolidati meta mqabbla mar-rapporti finanzjarji annwali, inkluż dan li ġej:

fl-iżvelar tal-ammonti ta' emolumenti u ta' ħlas bil-quddiem u ta' krediti mogħtija lil membri tal-korpi amministrattivi, ta' tmexxija u ta' sorveljanza, għandhom jiġu żvelati biss l-ammonti mogħtija mill-impriża prinċipali u l-impriżi sussidjarji tagħha lil membri tal-korpi amministrattivi, ta' tmexxija u ta' sorveljanza tal-impriża prinċipali.

3. In-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati għandhom, minbarra l-informazzjoni riskjesta skont dan l-Att, jagħtu l-informazzjoni li ġejja:

(a) fir-rigward ta' impriżi li huma inklużi fil-konsolidament:

(i) l-ismijiet u l-uffiċċji reġistrati ta' dawk l-impriżi;

(ii) il-proporzjon tal-kapital miżmum f'dawk l-impriżi, għajr l-impriża prinċipali, mill-impriżi li huma inklużi fil-konsolidament jew minn persuni li

VERŻJONI ELETTRONIKA

jaġixxu f'isimhom stess iżda għan-nom ta' dawk l-impriżi; u

(iii) informazzjoni dwar liema mill-kondizzjonijiet imsemmija fis-subartikoli (2), (3) u (8) tal-artikolu 2 ta' dan l-Att in segwitu għall-applikazzjoni tas-subartikoli (4), (5) u (6) tal-imsemmi artikolu 2 iffurmat il-bażi li fuqha twettaq il-konsolidament. Dan l-iżvelar jista', madankollu, ma jsirx meta l-konsolidament ikun twettaq fuq il-bażi tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2)(a)(i) tal-artikolu 2 ta' dan l-Att u fejn il-proporzjon tal-kapital u l-proporzjon tad-drittijiet għal vot miżmuma huma l-istess;

(b) L-informazzjoni stabbilita fis-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu għandha tingħata safejn hi applikabbli fir-rigward ta' impriżi esklużi minn konsolidament għar-raġuni li l-effett tal-inklużjoni tagħhom ikun immaterjali konformement mad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 170, u għandha tingħata spjegazzjoni għall-esklużjoni tal-impriżi li hemm referenza għalihom fis-subartikolu (4) ta' dak l-artikolu;

(ċ) l-ismijiet u l-uffiċċji reġistrati ta' impriżi assoċjati inklużi fil-konsolidament u l-proporzjon tal-kapital tagħhom miżmum mill-impriżi inklużi fil-konsolidament jew minn persuni li jaġixxu f'isimhom stess imma għan-nom ta' dawk l-impriżi; u

(d) fir-rigward ta' kull waħda mill-impriżi, għajr dawk imsemmijin fis-subparagrafi (a) u (b), li fihom l-impriżi inklużi fil-konsolidament, jew huma nfushom jew permezz ta' persuni li jaġixxu f'isimhom stess imma għan-nom ta' dawk l-impriżi, ikollhom interess ta' parteċipazzjoni:

(i) l-isem u l-uffiċċji reġistrati ta' dawk l-impriżi;

(ii) il-proporzjon tal-kapital miżmum;

(iii) l-ammont tal-kapital u r-riżervi, u l-qligħ jew it-telf għall-aħħar sena finanzjarja tal-impriża kkonċernata li għaliha jkunu ġew adottati dikjarazzjonijiet finanzjarji.

L-informazzjoni dwar il-kapital u r-riżervi u l-qligħ jew it-telf tista' wkoll titħalla barra meta l-impriża kkonċernata ma tippubblikax

VERŻJONI ELETTRONIKA

il-karta tal-bilanċ tagħha.

4. L-informazzjoni rikjesta mill-paragrafu 3(a) sa (d) tista' tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni ppreżentata lir-Reġistratur. Il-preżentata ta' tali dikjarazzjoni għandha tiġi żvelata fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Tali informazzjoni titħalla barra meta n-natura tagħha tkun tali li tkun ta' preġudizzju serju għal kull impriża li għaliha tirreferi u r-Reġistratur jaqbel li l-informazzjoni ma għandhiex tiġi żvelata. Kull ommissjoni bħal din għandha tiġi żvelata fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.".

Sostituzzjoni tar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

24. Ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"IR-RABA' SKEDA
(Artikolu 213A)

RAPPORT DWAR PAGAMENTI LIL GVERNIJIET

Tifsiriet relatati mar-rapportar dwar pagamenti lil gvernijiet

1. Għall-finijiet ta' din l-Iskeda, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

"impriża attiva fl-industrija estrattiva" tfisser impriża b'attività li tinvolvi l-esplorazzjoni, il-prospettar, l-iskoperta, l-iżvilupp u l-estrazzjoni ta' minerali, żejt, u depożiti ta' gass naturali jew materjali oħrajn, fl-ambitu tal-attivitajiet ekonomiċi elenkati fit-Taqsima B, Diviżjonijiet 05 sa 08 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2;

"impriża attiva fil-qtugħ tas-siġar tal-foresti primarji" tfisser impriża b'attivitajiet kif imsemmijin fis-Sezzjoni A, Diviżjoni 02, Grupp 02.2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 1, f'foresti primarji;

"gvern" tfisser kwalunkwe awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz. Tinkludi dipartiment, aġenzija jew impriża kkontrollata minn dik l-awtorità;

"proġett" tfisser l-attivitajiet operazzjonali li huma rregolati minn kuntratt wieħed, liċenza waħda, kera waħda, konċessjoni waħda jew ftehimiet legali simili u jiffurmaw il-bażi għal obbligu ta' pagament ma' gvern. Minkejja dan, jekk diversi ftehimiet bħal dawn huma interkonnessi sostanzjalment, dan għandu jitqies bħala proġett;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"pagament" tfisser ammont imħallas, sew fi flus jew in natura, għal attivitajiet kif deskritti fit-tifsiriet "impriża attiva fl-industrija estrattiva" u "impriża attiva fil-qtugħ tas-siġar tal-foresti primarji", tat-tipi li ġejjin:

(a) drittijiet għal produzzjoni;

(b) taxxi imposti fuq id-dħul, il-produzzjoni jew il-profitti ta' kumpanniji, li jeskludu taxxi imposti fuq il-konsum bħal taxxi fuq il-valur miżjud, taxxi fuq id-dħul personali jew taxxi fuq il-bejgħ;

(ċ) drittijiet monetarji (*royalties*);

(d) dividendi;

(e) bonusijiet li jitħallsu mal-firma ta' kuntratt, mal-iskoperta jew mal-bidu tal-produzzjoni;

(f) ħlasijiet ta' liċenzi, ħlasijiet għall-parteċipazzjoni, u korrispettivi oħra għal-liċenzi u, jew konċessjonijiet; u

(g) pagamenti għal titjib fl-infrastruttura;

"impriżi kbar" u "entitajiet ta' interess pubbliku" għandu jkollhom l-istess tifsira kif imfisser fit-Tielet Skeda u fl-artikolu 2 ta' dan l-Att rispettivament.

Kontenut tar-rapport

2. (1) Mhuwiex neċessarju li xi pagament, sew jekk isir bħala pagament uniku jew bħala serje ta' pagamenti relatati, jittieħed f'konsiderazzjoni fir-rapport jekk ikun taħt il-EUR 100 000 f'sena finanzjarja.

(2) Ir-rapport għandu jiddivulga l-informazzjoni li ġejja għal attivitajiet kif deskritti fit-tifsiriet "impriża attiva fl-industrija estrattiva" u "impriża attiva fil-qtugħ tas-siġar tal-foresti primarji" fir-rigward tas-sena finanzjarja rilevanti:

(a) l-ammont totali tal-pagamenti li saru lil kull gvern;

(b) l-ammont totali għal kull tip ta' pagament kif speċifikat fil-paragrafi (a) sa (g) tat-tifsira "pagament" fil-paragrafu 1 ta' din l-Iskeda li sar għal kull gvern;

(ċ) meta dawk il-pagamenti jkunu ġew attribwiti lil proġett speċifiku l-ammont totali għal kull tip ta' pagament kif

VERŻJONI ELETTRONIKA

speċifikat fil-paragrafi (a) sa (g) tat-tifsira "pagament" fil-paragrafu 1 ta' din l-Iskeda, li jkun sar għal kull proġett bħal dan u l-ammont totali ta' pagamenti għal kull proġett bħal dan.

Pagamenti li jkunu saru mill-impriża fir-rigward tal-obbligi imposti fil-livell tal-entità jistgħu jiġu żvelati fil-livell tal-entità minflok ma jiġu żvelati f'livell tal-proġett.

(3) Meta jsiru pagamenti in natura lil gvern, dawn għandhom jiġu rapportati bil-valur u, fejn applikabbli, bil-volum. Għandhom jiġu pprovduti noti ta' illustrazzjoni biex jiġi spjegat kif il-valur tagħhom ġie determinat.

L-iżvelar tal-pagamenti msemmija f'din l-Iskeda għandu jirrifletti s-sustanza, aktar milli l-forma, tal-pagament jew tal-attività kkonċernata. Il-pagamenti u l-attivitajiet ma għandhomx jinqasmu jew jiġu kkombinati b'mod artifiċjali biex tiġi evitata l-applikazzjoni ta' dan ir-rekwiżit.

Rapport ikkonsolidat dwar pagamenti lil gvernijiet

3. (1) Kwalunkwe impriża kbira jew entità ta' interess pubbliku attiva fl-industrija estrattiva jew fil-qtugħ tas-siġar tal-foresti primarji għandha tħejji rapport ikkonsolidat dwar pagamenti lill-gvernijiet skont din l-Iskeda jekk dik l-impriża prinċipali tkun obbligata li tħejji dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati kif stipulat fl-artikolu 170 tal-Att.

Impriża prinċipali hija kkunsidrata li tkun attiva fl-industrija estrattiva jew fil-qtugħ tas-siġar tal-foresti primarji jekk xi waħda mill-impriżi sussidjarji tagħha tkun attiva fl-industrija estrattiva jew fil-qtugħ tas-siġar tal-foresti primarji.

Ir-rapport ikkonsolidat għandu jinkludi biss pagamenti li ġejjin minn operazzjonijiet estrattivi u, jew mill-qtugħ tas-siġar.

(2) L-obbligu ta' tħejjija tar-rapport ikkonsolidat imsemmi fis-subparagrafu (1) ma għandux japplika għal:

(a) impriża prinċipali ta' grupp żgħir, kif imfissra fl-artikolu 185(5), għajr fejn kwalunkwe impriża affiljata tkun entità ta' interess pubbliku;

(b) impriża prinċipali ta' grupp ta' daqs medju, kif imfissra fit-Tielet Skeda, għajr fejn kwalunkwe impriża fi grupp tkun entità ta' interess pubbliku; u

(ċ) impriża prinċipali regolata bil-liġi ta' Stat Membru

VERŻJONI ELETTRONIKA

li tkun ukoll impriża sussidjarja, jekk l-impriża prinċipali tagħha stess tkun regolata mil-liġi ta' Stat Membru.

(3) Mhuwiex neċessarju li impriża, inkluż entità ta' interess pubbliku, tiġi inkluża f'rapport ikkonsolidat dwar pagamenti lil gvernijiet fejn tiġi sodisfatta tal-anqas waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) restrizzjonijiet severi fuq terminu twil sostanzjalment ixekklu lill-impriża prinċipali fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha fuq l-assi jew il-ġestjoni ta' dik l-impriża;

(b) każijiet estremament rari fejn l-informazzjoni neċessarja għat-tħejjija ta' rapport ikkonsolidat dwar pagamenti lil gvern skont din l-Iskeda ma tistax tinkiseb mingħajr spiża sproporzjonata jew dewmien eċċessiv; u

(ċ) l-ishma ta' dik l-impriża huma miżmuma esklużivament bil-għan li sussegwentement jerġgħu jinbiegħu.

L-eżenzjonijiet ta' hawn fuq għandhom japplikaw biss jekk huma jintużaw ukoll għall-finijiet tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati.

Pubblikazzjoni

4. (1) Ir-rapport imsemmi fl-artikolu 213A u f'din l-Iskeda kif ukoll ir-rapport ikkonsolidat imsemmi fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda dwar pagamenti lil gvernijiet għandu jiġi ppreżentat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni matul il-perijodu ta' żmien permess mill-artikolu 183.

(2) Id-diretturi għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw li, safejn jafu huma u skont il-kapaċità tagħhom, ir-rapport dwar il-pagamenti lil gvernijiet jitfassal u jiġi ppubblikat f'konformità mar-rekwiżiti ta' din l-Iskeda.

Kriterji ta' ekwivalenza

5. Impriżi msemmijin fl-artikolu 213A u l-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda li jħejju u jirrendu pubbliku rapport li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' rappurtar ta' pajjiżi terzi vvalutati, bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' din l-Iskeda huma eżentati mir-rekwiżiti ta' din l-Iskeda ħlief għall-obbligu li jippubblikaw dan ir-rapport kif stipulat fil-paragrafu 4(1) ta' din l-Iskeda.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Emenda tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

25. Is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 3 tagħha, minnufih wara l-kliem "u r-raġunijiet għax-xiri tagħhom" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, il-valur ta' paritàkontabilistiku ta' ishma akkwistati u trasferiti matul is-sena finanzjarja u l-proporzjon tal-kapital sottoskritt li huma jirrappreżentaw";

(b) is-subparagrafi (ċ) sa (h) tal-paragrafu 3 tagħha għandhom jitħassru; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (b) tagħha għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(ċ) fil-każ tal-akkwist jew it-trasferiment għal valur, il-korrispettiv tal-ishma;

(d) in-numru u l-valur nominali tal-ishma kollha akkwistati u miżmuma mill-kumpannija u l-proporzjon tal-kapital sottoskritt li huma jirrappreżentaw;

(e) fir-rigward tal-użu ta' strumenti finanzjarji mill-impriża u fejn materjali għall-valutazzjoni tal-assi, il-passivi, il-pożizzjoni finanzjarja u l-qligħ jew it-telf tagħha:

(i) l-objettivi u l-linji politiċi finanzjarji tal-impriża għall-immaniġġar tar-riskji finanzjarji, inkluż il-politika tagħha għall-iħħeġġjar ta' kull tip prinċipali ta' transazzjoni prevista li għaliha tintuża l-kontabbiltà għall-iħħeġġjar; u

(ii) l-iskopertura tal-impriża għar-riskju ta' prezzijiet, ir-riskju kreditizju, ir-riskju tal-likwidità u r-riskju tal-varjazzjoni tal-flussi finanzjarji.";

(d) il-paragrafu 4 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Impriżi żgħar għandhom jiġu eżentati mill-obbligu li jippreparaw rapporti tad-diretturi, iżda huma għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u l-paragrafu 3(a) sa (ċ) ta' din l-Iskeda dwar l-akkwist mill-impriża tal-ishma proprji tagħha li għandha tingħata fin-noti

VERŻJONI ELETTRONIKA

għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji."; u

(e) minnufih wara l-paragrafu 4 tagħha għandu jiżdied dan li ġej:

"5. Impriżi ta' daqs medju għandhom jiġu eżentati mill-obbligu stabbilit fit-tielet paragrafu tas-subartikolu (2) tal-artikolu 177 sakemm dan jirrigwarda informazzjoni mhux finanzjarja.

6. Meta jkun meħtieġ rapport ikkonsolidat tad-diretturi skont it-termini tal-artikolu 177, għandu japplika l-aġġustament li ġej għall-informazzjoni rikjesta minn dak l-artikolu 177 u minn din l-Iskeda jiġifieri li fir-rappurtar tad-dettalji tal-ishma proprji akkwistati, ir-rapport tad-diretturi kkonsolidat għandu jindika n-numru u l-valur nominali tal-ishma kollha tal-impriża prinċipali miżmuma minn dik l-impriża prinċipali, minn impriżi sussidjarji ta' dik l-impriża prinċipali jew minn persuna li taġixxi f'isimha stess imma għan-nom ta' kwalunkwe waħda minn dawk l-impriżi. L-iżvelar ta' dawk id-dettalji huwa meħtieġ fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati.

7. Meta jkun rikjest rapport ta' ġestjoni kkonsolidat flimkien mar-rapport tad-diretturi, iż-żewġ rapporti jistgħu jiġu ppreżentati bħala rapport wieħed.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 312 tas-26 ta' Ottubru, 2015.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati